

Brussell, 1 ta' April 2022
(OR. fr, en)

7678/22

TRANS 187
COWEB 29
ELARG 24

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Nru. dok. preċ.:	ST 7402/22
Suġġett:	Koordinazzjoni tal-pożizzjoni tal-UE bil-ħsieb tal-laqgħa tal-Kunsill Ministerjali tal-Komunità tat-Trasport (UE - Balkani tal-Punent) (Pristina, 27 ta' April 2022) <i>- Approvazzjoni</i>

1. Fil-21 ta' Marzu 2022, il-Kummissjoni ppreżentat lill-Grupp ta' Ħidma dwar it-Trasport - Kwistjonijiet Intermodali u Networks dokument ta' hidma¹ dwar il-laqgħa li jmiss tal-Kunsill Ministerjali tal-Komunità tat-Trasport li ser issir fi Pristina fis-27 ta' April 2022, bil-ħsieb li titħejja l-pożizzjoni tal-Unjoni li għandha tittieħed f'dik il-laqgħa.
2. Il-Kunsill Ministerjali tal-Komunità tat-Trasport jipprovdi gwida politika ġenerali u janalizza l-progress li sar fl-implimentazzjoni tat-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità tat-Trasport. Il-ħidma tal-Kunsill Ministerjali titħejja mill-Kumitat ta' Tmexxija Reġjonali. Għall-aħħar laqgħa ta' dan il-Kumitat, li saret fil-15 ta' Marzu 2022, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti kien approva l-pożizzjoni tal-Unjoni fit-23 ta' Frar 2022, inkluż b'rabta mal-aġenda tal-Kunsill Ministerjali².

¹ ST 7177/22.

² ST 6219/22.

3. Il-punti ewlenin fuq l-aġenda tal-laqgħa Kunsill Ministerjali huma dawn li ġejjin:
- l-estensjoni tan-Network trans-Ewropew tat-trasport (TEN-T): preżentazzjoni mill-Kummissjoni tal-Komunikazzjoni tagħha dwar l-estensjonijiet indikattivi f'pajjiżi terzi u interventi tas-sħab dwar ir-reviżjoni tal-estensjoni indikattiva fil-Balkani tal-Punent;
 - approvazzjoni tal-ewwel pjan ta' ħidma ta' ħames snin għall-iżvilupp tal-estensjoni indikattiva tat-TEN-T u l-identifikazzjoni ta' proġetti prijoritarji ta' interess reġjonali³.
4. Il-Grupp ta' Ħidma ddiskuta l-abbozz ta' pożizzjoni fil-21 ta' Marzu 2022 u, fuq il-bażi ta' dokument ta' ħidma aġġornat mill-Presidenza wara l-laqgħa tal-Kumitat ta' Tmexxija Reġjonali, approvah fit-28 ta' Marzu 2022.
5. Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mistieden:
- jikkonferma l-qbil li ntlaħaq mill-Grupp ta' Ħidma, u
 - jirrakkomanda li l-Kunsill japprova l-pożizzjoni tal-Unjoni Ewropea għall-Kunsill Ministerjali li jmiss tal-Komunità tat-Trasport kif tinsab fl-Anness għal din in-nota.

³ Għandu jiġi nnutat li l-abbozz ta' pjan ta' ħames snin għad irid jiġi ppreżentat lill-Kumitat ta' Tmexxija Reġjonali għal approvazzjoni minn qabel (proċedura bil-miktub).

DOKUMENT TA' ĦIDMA

**dwar il-pożizzjonijiet tal-Unjoni Ewropea għall-Kunsill Ministerjali tal-Komunità tat-
Trasport fis-27 ta' April 2022⁴**

Dan id-dokument ta' ħidma huwa msejjes fuq id-dokument tal-Kummissjoni (ST 7177/22) li jagħti informazzjoni jew jistabbilixxi l-pożizzjonijiet tal-UE għall-kwistjonijiet dwar l-abbozz ta' aġenda tal-laqgħa li jmiss tal-Kunsill Ministerjali tal-Komunità tat-Transport fis-27 ta' April 2022 (ara l-anness).

Il-Kunsill Ministerjali ser jittratta l-kwistjonijiet li ġejjin:

- Preżentazzjoni mill-Kummissjoni Ewropea dwar il-Komunikazzjoni tagħha lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-estensjoni tan-network trans-Ewropew tat-Transport (TEN-T) lejn pajjiżi terzi ġirien⁵;
- Diskussjoni dwar il-Proposta tal-Kummissjoni għar-Reviżjoni tar-Regolament (UE) Nru 1315/2013 dwar in-network trans-Ewropew tat-transport (ir-Regolament TEN-T) b'rabta mal-estensjoni indikattiva tan-network trans-Ewropew tat-transport (TEN-T) lejn il-Balkani tal-Punent⁶;
- Approvazzjoni tal-pjan ta' ħidma kontinwu ta' ħames snin għall-iżvilupp tal-estensjoni indikattiva tat-TEN-T tan-networks komprensivi u ewlenin lejn il-Balkani tal-Punent u l-identifikazzjoni ta' proġetti prijoritarji ta' interess reġjonali;
- Preżentazzjoni mill-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa dwar id-Deċennju ta' Azzjoni tagħha għas-Sikurezza fit-Toroq 2021-2030.

⁴ Pristina, il-ħin u l-post għad iridu jiġu kkonfermati. Ser tiġi pprovduta l-possibbiltà ta' parteċipazzjoni mill-bogħod (konnessjoni online).

⁵ COM/2021/820 final.

⁶ COM/2021/812 final

PARTI I – ĠENERALI

F'konformità mal-Artikolu 21 tat-Trattat dwar il-Komunità tat-Trasport⁷, il-Kunsill Ministerjali jipprova linji gwida ta' politika ġenerali u jieħu kont tal-progress li sar fl-implimentazzjoni tat-Trattat dwar il-Komunità tat-Trasport, inkluż is-segwitu tal-proposti mressqa mill-Forum Soċjali.

Fid-dawl tat-tnejn tal-Kumitat ta' Tmexxija Reġjonali tal-Komunità tat-Trasport (15 ta' Marzu 2022), ġiet stabbilita l-pożizzjoni tal-Unjoni dwar id-dokumenti mniżżla hawn taht⁸. Wara l-laqgħa tal-Kumitat ta' Tmexxija Reġjonali, saru biss modifiki żgħar fid-dokumenti.

L-uniku punt addizzjonali li hu ppreżentat f'aktar dettall huwa l-proposta għall-approvazzjoni tal-pjan ta' ħidma kontinwu ta' ħames snin għall-iżvilupp tal-estensjoni indikattiva tat-TEN-T tan-networks komprensivi u ewlenin lejn il-Balkani tal-Punent u l-identifikazzjoni ta' proġetti prijoritarji ta' interess reġjonali⁹. Dan id-dokument ta' ħidma għaldaqstant jibni fuq l-analiżi u l-pożizzjonijiet inizjali, kif ippreżentati għal-laqgħat tal-Grupp ta' Ħidma Intermodali tal-Kunsill fis-7 u l-14 ta' Frar 2022.

PARTI II — DETTALJI

Punt 2 tal-Aġenda

Preżentazzjoni mill-Kummissjoni Ewropea dwar il-Komunikazzjoni tagħha lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-estensjoni tan-network trans-Ewropew tat-Trasport (TEN-T) lejn pajjiżi terzi ġirien

Dan huwa punt ta' informazzjoni mill-Kummissjoni Ewropea.

⁷ ĠU L 278, 27.10.2017, p. 3

⁸ Ara d-dokument ST 6219/22.

⁹ Ara d-dokument WK 2681/22 REV 1.

Fl-14 ta' Diċembru 2021, il-Kummissjoni ppubblikat il-Komunikazzjoni tagħha lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-estensjoni tan-network trans-Ewropew tat-trasport (TEN-T) lejn pajjiżi terzi ġirien (flimkien mal-proposta tagħha għal reviżjoni tar-regolament dwar it-TEN-T¹⁰ – ara l-punt li jmiss fuq l-aġenda). Il-Komunikazzjoni tqis l-implimentazzjoni tal-estensjoni indikattiva tat-TEN-T lejn il-Balkani tal-Punent. Tindirizza l-isfidi komuni u tesplora kif fil-ġejjieni l-Unjoni tista' taħdem flimkien mas-sħab tal-Balkani tal-Punent fil-qasam ta' politika tat-TEN-T u biex jintlaħqu l-għanijiet stabbiliti fil-Patt Ekoloġiku Ewropew.

Waqt il-laqgħa tal-Kunsill Ministerjali tas-27 ta' April, il-Kummissjoni ser tippreżenta fid-dettall il-komunikazzjoni tagħha dwar l-estensjoni tat-TEN-T lejn pajjiżi terzi ġirien.

Il-pożizzjoni tal-Unjoni

- Tiegħu nota ta' kwalunkwe intervent tas-Sħab Reġjonali wara l-preżentazzjoni tal-komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-estensjoni tat-TEN-T lejn pajjiżi terzi ġirien;
- Tappoġġa l-konklużjonijiet tal-Kunsill Ministerjali li jirreferu għall-komunikazzjoni dwar l-estensjoni tat-TEN-T lejn pajjiżi terzi ġirien.

Punt 3 tal-Aġenda

Diskussjoni dwar l-estensjoni indikattiva tan-network trans-Ewropew tat-trasport (TEN-T) lejn il-Balkani tal-Punent fil-Proposta tal-Kummissjoni għar-Reviżjoni tar-Regolament (UE) Nru 1315/2013 dwar in-network trans-Ewropew tat-trasport (ir-Regolament TEN-T)

Fl-14 ta' Diċembru 2021, il-Kummissjoni adottat il-Proposta tagħha għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar linji gwida tal-Unjoni għall-iżvilupp tan-network trans-Ewropew tat-trasport, li jemenda r-Regolament (UE) 2021/1153 u r-Regolament (UE) Nru 913/2010 u li jħassar ir-Regolament (UE) 1315/2013.

¹⁰ Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar linji gwida tal-Unjoni għall-iżvilupp tan-network trans-Ewropew tat-trasport, li jemenda r-Regolament (UE) 2021/1153 u r-Regolament (UE) Nru 913/2010 u li jħassar ir-Regolament (UE) 1315/2013

Fil-kuntest tat-tħejjija tal-proposta għar-reviżjoni tar-Regolament TEN-T, il-Kummissjoni kellha sensiela ta' laqgħat mas-sħab tal-Balkani tal-Punent sabiex twettaq eżami tal-istat tat-twettiq tal-partijiet rilevanti tan-network indikattiv tat-TEN-T. B'mod partikolari, il-laqgħat kellhom il-mira li jaċċertaw jekk it-taqsimiet kollha tan-network ewlieni li għandhom jiġu inklużi fil-kuritur tal-Balkani tal-Punent humiex ser isiru jew jittejbu fil-ħin qabel l-iskadenza tal-2030 prevista fir-Regolament TEN-T attwali.

F'dik l-okkażjoni, is-sħab tal-Balkani tal-Punent urew ix-xewqa tagħhom li jirrevedu l-mapep indikattivi attwali tan-network estiż (in-network ewlieni u komprensiv) fit-territorju tagħhom kif ukoll il-lista tan-nodi tat-trasport (ajruporti u portijiet). Il-Kummissjoni ħadet nota tal-pożizzjoni tas-Sħab kollha tal-Balkani tal-Punent.

Fil-1 ta' Frar 2022, il-Kummissjoni għarrfet lill-Kunsill bil-ħsieb tagħha li tinnegozja ftehim ta' Livell Għoli bejn l-UE u s-sħab tal-Balkani tal-Punent dwar l-adattament tal-mapep indikattivi tal-pajjiżi ġirien fis-sens tal-Artikolu 49(6) tar-Regolament (UE) Nru 1315/2013 (ir-Regolament TEN-T). Fil-21 ta' Frar 2022 il-Kunsill awtorizza lill-Kummissjoni tinnegozja tali ftehim¹¹.

Fil-10 u l-11 ta' Marzu 2022, il-Kummissjoni organizzat l-ewwel laqgħat bilaterali formali ma' kull Sieħeb Reġjonali sabiex tirrevedi fid-dettall il-proposti tagħhom għar-reviżjoni tan-network TEN-T. Il-laqgħa tal-Kunsill Ministerjali tas-27 ta' April 2022 ser tipprovdi opportunità biex jittieħed kont tad-diskussjonijiet u jiġu ddelineati l-passi li jmiss fil-proċess.

Fil-Kunsill Ministerjali tas-27 ta' April 2022 ser isir skambju ta' fehmiet dwar il-proposta tal-Kummissjoni għar-reviżjoni tar-Regolament TEN-T, b'mod partikolari dwar il-ħolqien propost ta' Kuritur Ewropew tat-Trasport li jgħaqqad ir-reġjun mal-Unjoni. Sabiex jappoġġa l-iskambju ta' fehmiet bejn il-Ministri dwar ir-reviżjoni tat-TEN-T, is-Segretarjat tal-Komunità tat-Trasport ipproduċa dokument ta' diskussjoni, li diġà ġie ppreżentat lill-Grupp ta' Ħidma Intermodali tal-Kunsill bi tħejjija għal-laqgħa tal-Kumitat ta' Tmexxija Reġjonali tal-15 ta' Marzu 2022¹².

¹¹ Ara d-dokument ST 6051/22 + COR 1.

¹² Ara d-dokument WK 1507/22, p. 107-109.

Is-Sħab Reġjonali ser jiġu infurmati dwar il-passi li jmiss fil-proċess li jwassal għar-reviżjoni tal-mapep indikattivi eżistenti tan-network tal-Balkani tal-Punent, abbażi ta' ftehim ta' livell għoli skont it-tifsira tal-Artikolu 49(6) tar-Regolament (UE) Nru 1315/2013 li għandu jiġi ffirmat bejn l-Unjoni u s-sħab tal-Balkani tal-Punent.

Il-pożizzjoni tal-Unjoni

- Tiegħu nota tal-interventi tal-Ministri tal-Balkani tal-Punent;
- Tappoġġa l-konklużjonijiet tal-Kunsill Ministerjali li jirreferu għar-reviżjoni tal-estensjoni indikattiva tat-TEN-T lejn il-Balkani tal-Punent.

Punt 4 tal-Aġenda

Approvazzjoni tal-pjan ta' ħidma kontinwu ta' ħames snin għall-iżvilupp tal-estensjoni indikattiva tat-TEN-T tan-networks komprensivi u ewlenin għall-Balkani tal-Punent u l-identifikazzjoni ta' proġetti prijoritarji ta' interess reġjonali

L-Artikolu 9 tat-Trattat dwar il-Komunità tat-Trasport jirrikjedi li kull sentejn il-Komunità tat-Trasport tiżviluppa pjan ta' ħidma kontinwu ta' ħames snin għall-iżvilupp tal-estensjoni indikattiva tat-TEN-T tan-networks komprensivi u ewlenin lejn il-Balkani tal-Punent. Il-pjan ta' ħidma jenħtieġ li jidentifika wkoll proġetti ta' prijorità ta' interess reġjonali f'konformità mal-aħjar prattika tal-Unjoni, li għandhom jikkontribwixxu għal żvilupp sostenibbli bbilanċjat f'termini ta' ekonomija, integrazzjoni spazjali, impatt ambjentali u soċjali kif ukoll koeżjoni soċjali.

Dan il-pjan ta' ħidma kontinwu ta' ħames snin jeħtieġ li jikkonforma mal-leġislazzjoni rilevanti tal-UE kif stabbilita fl-Anness I tat-Trattat dwar il-Komunità tat-Trasport (b'mod partikolari meta jkun previst finanzjament mill-UE) u juri l-aħjar valur għall-flus u impatti soċjoekonomiċi usa', f'konformità mar-regoli ta' finanzjament tad-donaturi u l-aħjar standards u prattiki internazzjonali. Il-pjan ta' ħidma kontinwu ta' ħames snin għandu wkoll jagħti attenzjoni speċjali lit-tibdil fil-klima globali u s-sostenibbiltà ambjentali fl-istadju tad-definizzjoni u l-analiżi tal-proġetti, kif ukoll jinkludi l-opportunitajiet ta' finanzjament minn donaturi u istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali, b'mod partikolari permezz tal-Qafas ta' Investiment għall-Balkani tal-Punent.

It-tnejn ta' din l-ewwel iterazzjoni tal-pjan ta' ħidma kontinwu ta' ħames snin ġiet imsejsa fuq il-ħidma li diġà saret fil-qafas tar-Rapport Annwali dwar it-TEN-T u s-sejbiet u l-konklużjonijiet ewlenin tiegħu, kif ukoll il-kondizzjonijiet ta' konformità u l-iskadenzi tat-TEN-T. Tqiesu wkoll il-Pjan Ekonomiku u ta' Investiment għall-Balkani tal-Punent u l-Proġetti Ewlenin tiegħu relatati mat-trasport,¹³ kif ukoll il-komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-estensjoni tan-network trans-Ewropew tat-trasport (TEN-T) għal pajjiżi terzi ġirien¹⁴. Il-proġetti prijoritarji tat-TEN-T li qed jiġu kkunsidrati bħalissa minn kull Parteċipant Reġjonali jqisu l-aħħar verżjonijiet tar-Riżervi Uniċi ta' Proġetti tagħhom.

Is-servizzi tal-Kummissjoni eżaminaw l-abbozz tal-pjan ta' ħidma kontinwu ta' ħames snin u huma tal-fehma li dan ikopri l-informazzjoni kollha meħtieġa deskritta fl-Artikolu 9 tat-Trattat dwar il-Komunità tat-Trasport. Meta jkun hemm ċerti limitazzjonijiet fis-sett ta' għodod disponibbli tas-Segretarjat tal-Komunità tat-Trasport fit-twettiq tal-ewwel iterazzjoni tal-pjan ta' ħidma, dawn jiġu ddokumentati b'mod ċar u jiġu stabbiliti azzjonijiet ta' mitigazzjoni futuri. B'mod partikolari, it-tlestija tal-għodod analitiċi tal-Osservatorju tat-Trasport għandha tgħin biex jingħelbu n-nuqqasijiet metodoloġiċi attwali u tippermetti eżerċizzju ta' ppjanar tal-proġetti aktar konsistenti fiż-żmien tal-ewwel reviżjoni tal-pjan ta' ħidma.

Għandu jiġi nnotat li f'xi partijiet, xi Sħab Reġjonali għad iridu jagħtu l-informazzjoni dwar il-proġetti u għad iridu jieħdu azzjoni għall-progress tal-proġetti, iżda dawn huma każijiet limitati ħafna, li ma jirriflettux il-komprensività ġenerali tal-pjan ta' ħidma kontinwu ta' ħames snin. Fil-konklużjonijiet tal-Kunsill Ministerjali jiġu indirizzati wkoll kwistjonijiet ta' ġbir ta' data.

Wara l-laqgħa tal-Kumitat ta' Tmexxija Reġjonali tal-15 ta' Marzu 2022, il-pjan ta' ħidma ġie ffinalizzat¹⁵ u ser jitressaq mill-ġdid quddiem il-Kumitat ta' Tmexxija Reġjonali qabel il-laqgħa tal-Kunsill Ministerjali tas-27 ta' April 2022. Il-pożizzjoni tal-Unjoni proposta hawn taħt għandha għaldaqstant tkopri wkoll id-diskussjonijiet addizzjonali tal-Kumitat ta' Tmexxija Reġjonali dwar il-pjan ta' ħidma.

¹³ COM(2020) 641 final

¹⁴ COM (2021) 820 final

¹⁵ Ara d-dokument WK 2681/22 REV 1.

Il-pożizzjoni tal-Unjoni

- Tenfasizza li l-pjan ta' ħidma kontinwu jirrappreżenta stadju ewlieni għall-implimentazzjoni tat-Trattat dwar il-Komunità tat-Trasport;
- Ittenni l-appell tagħha għal appoġġ għall-isforzi ta' ġbir ta' data tas-Segretarjat tal-Komunità tat-Trasport;
- Tappoġġa l-konklużjonijiet tal-Kunsill Ministerjali li jirreferu għall-pjan ta' ħidma kontinwu ta' ħames snin;
- Tappoġġa l-approvazzjoni tal-Kunsill Ministerjali tal-pjan ta' ħidma kontinwu ta' ħames snin.

Punt 5 tal-Aġenda

Preżentazzjoni mill-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa dwar id-Deċennju ta' Azzjoni tagħha għas-Sikurezza fit-Toroq 2021–2030

Fl-2021, ġie stabbilit l-Osservatorju tas-Sikurezza fit-Toroq tal-Balkani tal-Punent bl-appoġġ tal-Kummissjoni Ewropea, tal-Fédération Internationale de l'Automobile (FIA) u tal-Bank Dinji. Fl-2022, is-Segretarjat tat-Trattat dwar il-Komunità tat-Trasport qed jippjana li jorganizza sessjoni ta' ħidma ddedikata dwar is-sikurezza fit-toroq b' mod konġunt mal-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa (WHO) u sħab oħra. F'dan il-kuntest, l-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa (WHO) ser tippreżenta l-Pjan Globali tagħha għas-sikurezza fit-toroq matul il-laqgħa tal-Kunsill Ministerjali tas-27 ta' April 2022.

Il-Pjan Globali ġie żviluppat mid-WHO u l-Kummissjonijiet Reġjonali tan-Nazzjonijiet Uniti, f'kooperazzjoni mas-sħab fil-Kollaborazzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar is-Sikurezza fit-Toroq u partijiet ikkonċernati oħra, bħala dokument ta' gwida biex jappoġġa l-implimentazzjoni tad-Deċennju ta' Azzjoni 2021–2030 u l-oġġettivi tiegħu.

Il-pożizzjoni tal-Unjoni

- Tenfasizza l-importanza li tittejjeb is-sikurezza fit-toroq bil-ħsieb li tinkiseb il-Viżjoni Żero – it-tnaqqis tal-imwiet fit-toroq għal zero sal-2050;
- Tappoġġa l-konklużjonijiet tal-Kunsill Ministerjali li jirreferu għad-"Deċennju ta' Azzjoni għas-Sikurezza fit-Toroq 2021-2030".

Punt 6 tal-Aġenda

Adozzjoni tal-Konklużjonijiet

Bħal fil-laqgħat preċedenti, il-konklużjonijiet maqbula mill-Presidenza għandhom jagħlqu l-laqgħa tal-Kunsill Ministerjali. Ġie ppreżentat abbozz fil-laqgħa tal-Kumitat ta' Tmexxija Reġjonali fit-15 ta' Marzu,¹⁶ li l-Unjoni appoġġat.

Il-pożizzjoni tal-Unjoni

- Tappoġġa l-konklużjonijiet skont l-abbozz

¹⁶ Ara d-dokument WK 1507/22, p. 147-149.



TRANSPORT COMMUNITY MINISTERIAL COUNCIL
THURSDAY 27 APRIL 2022 | PRISTINA | TIME TBC | approx. 2h |

AĠENDA

1	<p>OPENING Opening remarks</p>
2	<p>PRESENTATION by the European Commission</p> <p>Communication from the Commission to the European Parliament and the Council on the extension of the trans-European transport network (TEN-T) to neighbouring third countries</p>
3	<p>DISCUSSION</p> <p>Revision of Trans European Transport Network Regulation (EU) No 1315/2013 (TEN-T Regulation) indicative extension of the Trans-European Transport network (TEN-T) to the Western Balkans</p> <p style="padding-left: 40px;">- Interventions by the Southeast European Parties</p>
4	<p>ENDORSEMENT</p> <p>Five-year rolling work plan for the development of the indicative TEN-T extension of the comprehensive and core networks to the Western Balkans and the identification of priority projects of regional interest</p>
5	<p>PRESENTATION by the World Health Organization Decade of Action for Road Safety 2021-2030</p> <p><i>(Based on the UN General Assembly adopted resolution A/RES/74/299 "Improving global road safety", proclaiming the Decade of Action for Road Safety 2021-2030, with the ambitious target of preventing at least 50% of road traffic deaths and injuries by 2030)</i></p>
6	<p>CLOSING</p> <p>Adoption of Conclusions</p>